MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2008

Numru 1377/2007

Il-Pulizija
(Sp Marisa Camilleri)
vs
Christopher Stone, iben Philip, imwieled Pieta’ fit-18 ta’ frar, 1987

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-7 ta’ novembru, 2007 għal ħabta tal-5.30 p.m. u f’xi ħin wara ġewwa Ħal-Qormi, bil-ħsieb li jagħmel delitt u cioe’ li jikkaġuna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Naomi Vella, wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta’ delitt permezz ta’ strument li jaqta’ jew iniggez (sikkina) liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi uża vjolenza sabiex iġiegħel lil Naomi Vella tagħmel tħalli ssir, jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kkaġuna feriti ta' natura ħafifa permezz ta' strument li jaqta' jew iniggez (sikkina) fuq il-persuna ta' Naomi Vella u dan skond kif iċċertifika Dr. Joseph Galea taċ-Centru tas-Saħħa ta' Floriana;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi bl-imġieba tiegħu kkaġuna lill-membru domestiku u cioe' lil Naomi Vella li tibża li ser tintuża vjolenza kontriha;
5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ħebb kontra Naomi Vella sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lill-istess persuna;
6. talli kiser il-provvedimenti ta' sentenza kondizzjonata mogħtija fil-konfront tiegħu permezz tas-sentenza tat-3 ta' mejju, 2006 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).
Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Christopher Stone skond kif hemm maħsub fl-artikoli 412Ċ u 412D tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti ġiet mirtluba li f'każ ta' ħtija, jekk jidhrilha xieraq tipprovdi għas-sigurta' ta' Naomi Vella flimkien mal-piena jew minflok il-piena u turbot lil Christopher Stone b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus skond l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' jannar, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41, 216, 221(1), 251(1), 251B u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' elf u mitejn euro (Euro 1,200). Rat l-artikolu 383 tal-

Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li ma jimmolestax lil Naomi Vella għal żmien sena taħt penali ta’ mitejn euro (Euro 200). Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għal ħruġ ta’ ordni ta’ protezzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------